



Brussell, **XXX**

[...](2012) **XXX** abbozz

**ANNES GĦALL-OPINJONI 05/2012 TAL-EASA**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../..**

**tal-XXX**

**li jistabilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

**tal-XXX**

### **li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008<sup>1</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija"), u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-operaturi ta' pajjiżi terzi involuti fl-operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru ta' ingeni tal-ajru għandhom ikunu konformi mal-istandards ICAO rilevanti.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 jeħtieġ li sal-punt li ma jkunx hemm standards bħal dawn, l-operaturi ta' pajjiżi terzi jkollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Annessi I, III, IV u, jekk ikun applikabbli, l-Anness Vb tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, sakemm dawn ir-rekwiżiti ma jkunux f'kunflitt mad-drittijiet tal-pajjiżi terzi skont il-konvenzjonijiet internazzjonali.
- (3) Ir-Regolament (KE) 216/2008 jitlob li l-Aġenzija toħroġ awtorizzazzjonijiet u tissorvelja kontinwament l-awtorizzazzjonijiet li tkun ħarġet. L-awtorizzazzjoni hija prerekwiżit fil-proċess ta' kisba ta' permess operattiv jew dokument ekwivalenti mill-Istat Membru tal-UE taħt il-Ftehimiet tas-Servizzi tal-Ajru bejn l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi.
- (4) Għall-fini ta' awtorizzazzjonijiet inizjali u monitoraġġ kontinwu, l-Aġenzija għandha twettaq valutazzjonijiet u għandha tiegħu kull miżura biex tipprevjeni l-kontinwazzjoni ta' ksur.
- (5) Il-proċess ta' awtorizzazzjoni tal-operaturi ta' pajjiżi terzi għandu jkun sempliċi, proporzjonat, kosteffikaċi, effiċjenti u jqis ir-riżultati tal-Programm ta' Verifika tas-Sorveljanza tas-Sigurtà Universali tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem "l-ICAO"), l-ispezzjonijiet tar-rampa u informazzjoni oħra rikonoxxuta dwar l-aspetti tas-sigurtà fir-rigward tal-operaturi ta' pajjiżi terzi.
- (6) Il-valutazzjonijiet tal-operaturi ta' pajjiżi terzi għal projbizzjoni operattiva skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jistgħu jinkludu verifika fuq il-post tal-bini tal-operatur. Għall-fini li titneħħa s-sospensjoni ta' awtorizzazzjoni, l-Aġenzija tista' tikkunsidra li twettaq verifika tal-operatur ta' pajjiż terz.

---

<sup>1</sup> ĠU L 79, 19.03.2008, p.1.

- (7) Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-operazzjoni fl-ajru sikura tal-inġenji tal-ajru użati minn operaturi ta' pajjiżi teżi kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-operaturi ta' pajjiżi terzi.
- (8) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel u livell għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni Ewropea, il-miżuri ta' implimentazzjoni għandhom jikkunsidraw il-prattiki ta' rakkomandazzjoni u d-dokumenti ta' gwida miftiehma taħt il-patroċinju tal-ICAO.
- (9) Huwa meħtieġ li jiġi pprovdut żmien suffiċjenti għall-industrija ajrunawtika u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija biex tadotta qafas regolatorju ġdid u biex tirrikonoxxi taħt ċerti kundizzjonijiet, il-permessi operattivi jew id-dokumenti ekwivalenti maħruġa minn Stat Membru biex jaħdem fi, fi ħdan jew barra mit-territorju tiegħu.
- (10) [L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni ħejjiet abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u ppreżentathom lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.]
- (11) [Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.]

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

#### ***Soġġett u kamp ta' applikazzjoni***

1. Ir-Regolament stabbilixxa regoli ddettaljati għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 involuti f'operazzjonijiet kummerċjali tat-trasport bl-ajru fi, fi ħdan jew barra mit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, inkluż il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emenda, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka tal-awtorizzazzjonijiet tagħhom, il-privileġġi u r-responsabbiltajiet tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom l-operazzjonijiet għandhom jiġu pprojbiti, limitati jew soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet fl-interess tas-sigurtà.

#### *Artikolu 2*

#### ***Definizzjonijiet***

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

1. "Mezzi ta' konformità alternattivi" huma dawk li jipproponu alternattiva għal Mezz Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) jew dawk li jipproponu mezzi ġodda biex tiġi stabbilita konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni li l-Aġenzija ma tkunx adottat AMC assoċjati għalihom.
2. "Operazzjoni ta' trasport kummerċjali bl-ajru (CAT)" tfisser operazzjoni b'ingenu tal-ajru biex jiġu ttrasportati passiġġieri, merkanzija jew posta bi ħlas jew għal oġġett ta' valur.
3. "Titjira" tfisser tluq minn ajrudrom speċifikat lejn ajrudrom ta' destinazzjoni speċifikat.
4. "Sede prinċipali" tfisser l-uffiċċju ewlieni jew l-uffiċċju rreġistrat tal-organizzazzjoni li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operattiv tal-attivitajiet imsemmija f'dan ir-Regolament.

5. "Operatur ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tkun residenti f'pajjiż terz jew persuna ġuridika li s-sede prinċipali tagħha, jekk ikollha, tkun tinsab f'pajjiż terz.

### *Artikolu 3*

#### ***Awtorizzazzjonijiet***

1. L-operaturi ta' pajjiżi terzi għandhom iħaddmu biss inġenju tal-ajru għall-fini ta' operazzjoni ta' trasport kummerċjali bl-ajru fi ħdan, fi jew barra mit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat meta jkunu konformi mad-dispożizzjoni tal-Anness I u jkollhom awtorizzazzjoni maħruġa mill-Aġenzija skont l-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 4*

#### ***Dħul fis-seħħ***

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.  
Għandu jibda japplika mit-[tiegħu jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea].
2. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikunu qegħdin joħorġu permessi operattivi jew dokumenti ekwivalenti lil operaturi ta' pajjiżi terzi skont il-liġi nazzjonali tagħhom għandhom ikomplu jagħmlu dan. L-operaturi ta' pajjiżi terzi għandhom jikkonformaw mal-kamp ta' applikazzjoni u l-privileġġi ddefiniti fil-permess jew f'dokument ekwivalenti mogħti mill-Istat Membru sakemm l-Aġenzija tkun ħadet deċiżjoni skont l-Anness 2 ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija dwar il-ħruġ ta' tali permessi operattivi jew dokumenti ekwivalenti.  
Wara d-data, l-Aġenzija ħadet deċiżjoni għall-operatur ta' pajjiż terz rilevanti, jew wara perjodu massimu ta' [30 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], liema minnhom tiġi qabel, l-Istat Membru ma jibqax iwettaq valutazzjoni tas-sigurtà ta' dak l-operatur ta' pajjiż terz skont il-liġi nazzjonali tagħhom meta joħoroġ permess operattiv.
3. L-operaturi ta' pajjiżi terzi li fid-data tad-dħul fis-seħħ ikollhom permess operattiv jew dokument ekwivalenti, għandhom jissottomettu applikazzjoni għal awtorizzazzjoni lill-Aġenzija sa mhux aktar tard minn [6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-applikazzjoni għandu jkun fiha informazzjoni dwar kwalunkwe permess operattiv mogħti minn Stat Membru.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

## ANNEX 1 TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI PARTI OPERATURI TA' PAJJIŻI TERZI

### Taqsim I — Rekwiżiti ġenerali

#### **TCO.100 Kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Anness jistabbilixxi rekwiżiti li għandhom jiġu segwiti minn operatur ta' pajjiż terz li jwettaq operazzjoni ta' trasport kummerċjali bl-ajru fi, fi ħdan jew barra mit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

#### **TCO.105 Mezzi ta' konformità**

- (a) Jistgħu jintużaw mezzijiet alternattivi ta' konformità għall-AMC adottati mill-Aġenzija minn operatur ta' pajjiż terz biex tiġi stabbilita konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008<sup>2</sup> u Parti-TCO.
- (b) Meta operatur ta' pajjiż terz soġġett għal awtorizzazzjoni jkun jixtieq juża mezz alternattiv ta' konformità għall-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) adottati mill-Aġenzija biex tiġi stabbilita konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u Parti-TCO, huwa għandu, qabel ma jimplimentah, jipprova lill-Aġenzija b'deskrizzjoni sħiħa tal-mezzi alternattivi ta' konformità. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi kwalunkwe reviżjoni fil-manwali jew il-proċeduri li jistgħu jkunu rilevanti, kif ukoll valutazzjoni li turi li huma sodisfatti r-Regoli ta' Implimentazzjoni.

L-operatur ta' pajjiż terz jista' jimplimenta dawn il-mezzi alternattivi ta' konformità soġġett għal approvazzjoni minn qabel mill-Aġenzija u mal-irċevuta tan-notifika kif preskritt f'ART.105.

#### **TCO.110 Differenzi nnotifikati lill-ICAO**

- (a) Meta l-Istat tal-operatur jew l-Istat tar-reġistrazzjoni jkunu nnotifikaw id-differenzi mill-istandards tal-ICAO li jkunu ġew identifikati mill-Aġenzija skont ART.200(d), l-operatur ta' pajjiż terz jista' jipproponi miżuri ta' mitigazzjoni biex jistabbilixxi konformità ma' din il-Parti.
- (b) L-operatur ta' pajjiż terz għandu juri lill-Aġenzija li dawn il-miżuri jiżguraw livell ekwivalenti ta' sigurtà bħal dak milħuq mill-istandard li jkunu ġew innotifikati d-differenzi lilu.

#### **TCO.115 Aċċess**

- (a) L-operatur ta' pajjiż terz għandu jiżgura li kwalunkwe persuna awtorizzata mill-Aġenzija jew l-Istat Membru li fih wieħed mill-inġenju tal-ajru tiegħu jkun wettaq inżul, jingħata

---

<sup>2</sup> Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE. *ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.* Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 108/2009 tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 (*ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51*).

permess biex jitla' abbord inġenju tal-ajru bħal dan, fi kwalunkwe ħin, b'notifika minn qabel jew anki mingħajrha:

- (1) tispezzjona d-dokumenti u l-manwali li għandhom jinġarru abbord u twettaq spezzjonijiet biex tiżgura konformità ma' din il-Parti; jew
  - (2) twettaq spezzjoni tar-rampa kif imsemmi fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012.
- (b) L-operatur ta' pajjiż terz għandu jiżgura li kwalunkwe persuna awtorizzata mill-Aġenzija tingħata aċċess għal kwalunkwe waħda mill-faċilitajiet jew dokumenti relatati mal-attivitatiet tagħha, inkluż attivitatiet subkuntrattati, biex jistabbilixxi konformità ma' din il-Parti.

## **Taqsimu II— Operazzjonijiet bl-ajru**

### **TCO.200 Rekwiżiti ġenerali**

- (a) L-operatur ta' pajjiż terz għandu jikkonforma ma':
- (1) l-istandards applikabbli li huma inklużi fl-Annessi tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Avjazzjoni Ċivili, b'mod partikolari l-Annessi 1 (Liċenzjar personali) 2 (Regoli tal-Ajru), 6 (Tħaddim tal-Inġenji tal-Ajru, Parti I (Trasport Kummerċjali Internazzjonali bl-Ajru - Ajruplani) jew Parti III (Operazzjonijiet Internazzjonali - Ħelikopters) kif ikun applikabbli, 8 (Ajrunavigabbiltà tal-Inġenju tal-Ajru) u 18 (Oġġetti Perikolużi);
  - (2) il-miżuri ta' mitigazzjoni aċċettati mill-Aġenzija skont ART.200(d);
  - (3) ir-rekwiżiti rilevanti ta' din il-Parti; u
  - (4) ir-regoli applikabbli tal-UE dwar l-ajru.
- (b) L-operatur ta' pajjiż terz għandu jiżgura li inġenju tal-ajru li jitħaddem fi, fi ħdan jew barra mit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat jitħaddem skont:
- (1) iċ-ċertifikat ta' operatur tal-ajru tiegħu (AOC) u l-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet assoċjati; u
  - (2) l-awtorizzazzjoni maħruġa skont dan ir-Regolament u l-kamp ta' applikazzjoni u l-privileġġi ddefiniti fl-ispeċifikazzjonijiet marbuta miegħu.
- (c) L-operatur ta' pajjiż terz għandu jiżgura li inġenju tal-ajru mħaddem fi, fi ħdan jew barra mill-UE jkollu ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà (CofA) maħruġ jew ivvalidat minn:
- (1) l-Istat tar-reġistrazzjoni; jew
  - (2) l-Istat tal-operatur, sakemm l-Istat tal-operatur u l-Istat tar-reġistrazzjoni jkunu daħlu fi ftehim skont l-Artikolu 83a tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li tittrasferixxi r-responsabbiltà għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru (CofA).
- (d) L-operatur ta' pajjiż terz għandu, fuq talba, jipprovdi lill-Aġenzija bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-verifika tal-konformità ma' din il-Parti.

- (e) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 996/2010<sup>3</sup>, l-operatur ta' pajjiż terz għandu mingħajr dewmien mhux xieraq jirrapporta lill-Aġenzija, kwalunkwe aċċident kif iddefinit fl-Anness 13 tal-ICAO, li jinvolvi inġenji tal-ajru użati skont l-AOC tiegħu.

#### **TCO.205 Tagħmir ta' navigazzjoni, komunikazzjoni u sorveljanza**

Meta jwettaq titjriet fi ħdan l-ispazju tal-ajru 'l fuq mit-territorju li japplika għalih it-Trattat kif ukoll fi spazju tal-ajru ieħor fejn l-Istati Membri japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 551/2004<sup>4</sup> l-operatur ta' pajjiż terz għandu jarma l-inġenju tal-ajru tiegħu b'dan it-tagħmir ta' navigazzjoni, komunikazzjoni u sorveljanza u jħaddmu kof meħtieġ f'dak l-ispazju tal-ajru

#### **TCO.210 Dokumenti, manwali u rekords li għandhom jinġarru**

L-operatur ta' pajjiż terz għandu jiżgura li d-dokumenti kollha li huma meħtieġa li jingarra abbord ikunu validi u aġġornati.

#### **TCO.215 Produzzjoni ta' dokumentazzjoni, manwali u rekords**

Fi żmien raġonevoli mit-talba biex jagħmel hekk minn persuna awtorizzata mill-Aġenzija jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun wettaq l-inżul l-inġenju tal-ajru, il-bdot fil-kmand għandu jipproduċi lil dik il-persuna, id-dokumentazzjoni, il-manwali u r-rekords meħtieġa li jinġarru abbord.

---

<sup>3</sup> Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fl-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE. *ĠUL 295, 12.11.2010, p. 35.*

<sup>4</sup> *ĠUL 96, 31.3.2004, p.1.*

### Taqsimha III — Awtorizzazzjoni tal-operaturi ta' pajjiżi terzi

#### TCO.300 Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni

- (a) Qabel il-bidu tal-operazzjonijiet kummerċjali tat-trasport bl-ajru skont din il-Parti, l-operatur ta' pajjiżi terzi għandu japplika għal awtorizzazzjoni mill-Aġenzija u jikkisbha.
- (b) Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għandha ssir f'għamla u mod stabbilit mill-Aġenzija.
- (c) Applikazzjoni fi żmien qasir għal awtorizzazzjoni għal titjiriet mhux skedati għandha ssir darba biss kull sena kalendarja u għal massimu ta' 4 titjiriet.
- (d) Mingħajr preġudizzju għall-ftehmiet bilaterali applikabbli, l-applikant għandu jipprovdi lill-Aġenzija bi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex tivvaluta jekk l-operazzjoni maħsuba hux sejra titwettaq skont ir-rekwiżiti applikabbli. Din l-informazzjoni għandha tinkludi:
  - (1) l-applikazzjoni mimlija kif suppost;
  - (2) l-isem uffiċjali, l-isem tan-negozju, l-indirizz, l-indirizz postali tal-applikant;
  - (3) kopja tal-AOC tal-applikant u l-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet assoċjati, jew dokument ekwivalenti, li tiċċertifika l-kapaċità tad-detentur li jwettaq l-operazzjonijiet maħsuba, maħruġa mill-Istat tal-operatur;
  - (4) iċ-ċertifikat attwali tal-applikant ta' inkorporazzjoni jew reġistrazzjoni tan-negozju jew dokument simili maħruġ mir-Registatur tal-Kumpaniji fil-pajjiż tas-sede prinċipali;
  - (5) id-data ta' bidu proposta, it-tip u ż-żoni ġeografiki tal-operazzjoni.
- (e) Meta jkun meħtieġ, l-Aġenzija tista' titlob dokumentazzjoni, manwali jew approvazzjonijiet speċifiċi oħra maħruġa jew approvati mill-Istat tal-operatur jew l-Istat tar-reġistrazzjoni.
- (f) Għal dawk l-inġenji tal-ajru li mhumiex irreġistrati fl-Istat tal-operatur u li hemm il-ħsieb li jitħaddmu fl-UE, l-Aġenzija tista' titlob:
  - (1) dettalji dwar il-ftehim ta' kiri għal kull inġenju tal-ajru mħaddem hekk; u
  - (2) jekk ikun applikabbli, kopja tal-ftehim bejn l-Istat tal-operatur u l-Istat tar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 83a tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li tkopri l-inġenji tal-ajru.

#### TCO.305 Privileġġi ta' detentur tal-awtorizzazzjoni

Il-privileġġi tal-operatur għandhom jiġu elenkati fl-ispeċifikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u ma għandhomx jaqbu l-privileġġi mogħtija mill-Istat tal-operatur.

#### TCO.310 Bidliet

- (a) Ħlief jekk miftiehem skont ART.210(c), kwalunkwe bidla fl-operatur ta' pajjiżi terzi li taffettwa t-termini ta' awtorizzazzjoni jew speċifikazzjonijiet assoċjati għandha tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-Aġenzija.
- (b) L-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-Aġenzija għandha tiġi sottomessa minn operatur ta' pajjiżi terzi tal-anqas 30 jum qabel id-data tal-bidla maħsuba.

L-operatur ta' pajjiż terz għandu jipprovdi lill-Aġenzija bl-informazzjoni msemmija f'TCO.300, ristretta sal-punt tal-bidla.

Matul din il-bidla, l-operatur ta' pajjiż tierz għandu jaħdem taħt il-kundizzjonijiet preskritti mill-Aġenzija.

- (c) Kull bidla li ma tkunx teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel, kif maqbul skont ART.210(c), għandha tiġi nnotifikata lill-Aġenzija.

### **TCO.315 Validità kontinwata**

- (a) L-awtorizzazzjoni għandha tibqa' valida soġġett għal:
- (1) l-operatur ta' pajjiż terz jibqa' f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' din il-Parti. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-immaniġġjar tas-sejbiet, kif speċifikat skont TCO.320, għandhom jitqiesu wkoll;
  - (2) il-validità tal-AOC jew dokument ekwivalenti maħruġ mill-Istat tal-operatur u l-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet relatati, jekk ikun applikabbli;
  - (3) l-Aġenzija li tkun qiegħda tingħata aċċess għall-operatur ta' pajjiż terz kif speċifikat TCO.115;
  - (4) l-operatur ta' pajjiż terz li ma jkunx soġġett għal projbizzjoni ta' operar skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005;
  - (5) li ma tkunx skadiet, ġiet ċeduta, sospiża jew revokata l-awtorizzazzjoni;
  - (6) l-operatur ta' pajjiż terz ikun wettaq tal-anqas titjira kull 24 xahar kalendarju, fi, fi h̄dan jew barra mit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat skont l-awtorizzazzjoni.
- (b) Meta tiġi ċeduta jew revokata, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata lura lill-Aġenzija.

### **TCO.320 Sejbiet**

Wara l-irċevuta ta' notifika ta' sejbiet imqajma mill-Aġenzija, l-operatur ta' pajjiż terz għandu:

- (a) jidentifika l-kawża ewlenija tan-nuqqas ta' konformità;
- (b) jistabbilixxi pjan ta' azzjoni korrettiv biex jindirizza l-kawża ewlenija tan-nuqqas ta' konformità f'perjodu ta' żmien aċċettabbli u jippreżentah lill-Aġenzija;
- (c) juri implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva għas-sodisfazzjon tal-Aġenzija fil-perjodu miftiehem mal-Aġenzija kif iddefinit f'ART.230(e)(1).

## ANNEX 2 TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI

### PARTI-ART – REKWIŻITI TAL-AWTORITÀ OPERATORI TA' PAJJIŻI TERZI

#### Taqsim I — Ġenerali

##### ART.100 Kamp ta' applikazzjoni

Din il-parti tistabblixxi rekwiżiti amministrattivi li għandhom jiġu segwiti mill-Istati Membri u l-Aġenzija b'mod speċifiku fir-rigward:

- (a) tal-ħruġ, iż-żamma, il-bidla, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka tal-awtorizzazzjonijiet tal-operaturi ta' pajjiżi terzi li jwettqu operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru; u
- (b) il-monitoraġġ ta' dawn l-operaturi.

##### ART.105 Mezzi ta' konformità

L-Aġenzija għandha tivvaluta kull mezz ta' konformità alternattiv propost mill-operaturi ta' pajjiżi terzi skont TCO.105(b) billi tanalizza d-dokumentazzjoni pprovduta u, jek ikun meqjus meħtieġ, twettaq spezzjoni tal-organizzazzjoni.

Meta l-Aġenzija ssib li l-mezzi alternattivi ta' konformità huma skont ir-Regoli ta' Implimentazzjoni, għandha mingħajr dewmien żejjed tinnotifika lill-applikant li l-mezzi alternattivi ta' konformità jistgħu jiġu implimentati u, fejn ikun applikabbli, temenda l-awtorizzazzjoni tal-applikant kif ikun xieraq.

##### ART.110 Skambju ta' informazzjoni

- (a) L-Aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri meta:
  - (1) tirrifjuta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni;
  - (2) timponi limitazzjoni minħabba tħassib marbut mas-sigurtà, tissospendi jew tirrevoka awtorizzazzjoni.
- (b) L-Aġenzija għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri lista aġġornata li jkun fiha l-awtorizzazzjonijiet li tkun ħarġet, limitat, bidlet, sospendiet jew revokat.
- (c) L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Aġenzija meta jkun beħsiebhom jieħdu miżura skont l-Artikolu 6(1)(2) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

##### ART.115 Żamma tar-rekords

- (a) L-Aġenzija għandha tistabblixxi sistema ta' żamma tar-rekords li tipprovdi ħażna xierqa, aċċessibbiltà u traċċabilità affidabbli ta':
  - (1) taħriġ, kwalifiki u awtorizzazzjoni tal-persunal tagħha;
  - (2) l-awtorizzazzjonijiet tal-operaturi ta' pajjiżi terzi maħruġa;
  - (3) proċessi ta' awtorizzazzjoni u sorveljanza kontinwa tal-operaturi ta' pajjiżi terzi awtorizzati;
  - (4) sejbiet, azzjonijiet korrettivi miftiehma u d-data ta' għeluq tal-azzjoni;

- (5) miżuri ta' infurzar meħuda, inkluż id-drittijiet mitluba mill-Aġenzija skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008<sup>5</sup>;
  - (6) l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi b'mandat mill-Aġenzija skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008; u
  - (7) l-użu ta' dispożizzjonijiet ta' flessibilità skont l-Artikolu 18(d) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (b) Ir-rekords kollha għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' 5 snin, soġġett għal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta.

## **Taqsimu II — Awtorizzazzjoni, sorveljanza u infurzar**

### **ART.200 Proċedura ta' valutazzjoni inizjali — ġenerali**

- (a) Meta tiġi rċevuta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont TCO.300, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-konformità tal-operatur ta' pajjiż terzi mar-rekwiżiti applikabbli.
- (b) Il-valutazzjoni inizjali għandha titlesta fi żmien:
  - (1) 30 jum wara l-irċevuta tal-appikazzjoni jew 7 t'ijiem qabel id-data ta' operazzjoni maħsuba, liema minnhom tkun l-aktar tard, għal servizz bl-ajru skedat jew programm ta' servizzi bl-ajru mhux skedat;
  - (2) 7 ijiem wara l-irċevuta tal-applikazzjoni għal massimu ta' 4 titjriet mhux skedati fi żmien massimu ta' 12-il xahar konsekuttiv.

Meta l-valutazzjoni tkun tinkludi valutazzjoni ulterjuri jew verifika, il-perjodu ta' valutazzjoni għandu jiġi estiż għall-perjodu tal-valutazzjoni ulterjuri jew il-verifika, kif ikun xieraq.
- (c) Il-valutazzjoni inizjali għandha tkun ibbażata fuq:
  - (1) dokumentazzjoni u dejta pprovduta mill-operatur ta' pajjiż terzi;
  - (2) informazzjoni rilevanti dwar il-prestazzjoni tas-sigurtà tal-operatur ta' pajjiż terzi, inkluż ir-rapport tal-ispezzjonijiet tar-rampa, l-informazzjoni rrappurtata skont ARO.RAMP.145(c), l-istandards tal-industrija rikonoxxuti, ir-rekords dwar l-aċċidenti u l-miżuri ta' infurzar meħuda minn operatur terzi;
  - (3) informazzjoni rilevanti dwar il-kapaċità ta' sorveljanza tal-Istat tal-operatur jew tal-Istat tar-reġistrazzjoni, kif ikun applikabbli, inkluż l-eżitu tal-verifiki mwettqa skont il-konvenzjonijiet internazzjonali jew il-programm ta' valutazzjoni tas-sigurtà tal-Istati; u
  - (4) deċiżjonijiet, investigazzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jew konsultazzjonijiet konġunti skont ir-Regolament (KE) Nru 473/2006.
- (d) L-Aġenzija għandha tidentifika dawk l-istandards tal-ICAO li tista' taċċetta miżuri ta' mitigazzjoni għalihom f'każ li l-Istat tal-operatur jew l-Istat tar-reġistrazzjoni jkun innotifika differenza lill-ICAO. L-Aġenzija għandha taċċetta l-miżura ta' mitigazzjoni meta

<sup>5</sup> Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE. *ĠU L 79, 19.3.2008, p.1.*

tkun sodisfatta li dawn il-miżuri jiżguraw livell ekwivalenti ta' sigurtà għal dik milħuq mill-istandard li jkunu ġew innotifikat id-differenzi għalih.

- (e) Meta l-Aġenzija ma tkunx tista' tistabbilixxi livell suffiċjenti ta' kunfidenza fl-operatur ta' pajjiż terz u/jew l-Istat tal-operatur matul il-valutazzjoni inizjali, għandha:
- (1) tirrifjuta l-applikazzjoni meta l-eżitu ta-valutazzjoni tindika li valutazzjoni ulterjuri mhijiex sejra tirriżulta fil-ħruġ ta' awtorizzazzjoni; jew
  - (2) twettaq valutazzjonijiet ulterjuri sal-punt meħtieġ biex jiġi stabbilit li l-operazzjoni maħsuba sejra titwettaq f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli ta' Parti-TCO.

#### **ART.205 Proċedura ta' evalwazzjoni inizjali — operaturi ta' pajjiżi terzi soġġetti għal projbizzjoni ta' operar**

- (a) Mal-irċevuta ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni minn operatur soġġett għal projbizzjoni ta' operar jew restrizzjoni operattiva skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, l-Aġenzija għandha tapplika l-proċedura ta' valutazzjoni kif deskritt f'ART.200.
- (b) Meta l-operatur huwa soġġett għal projbizzjoni ta' operar minħabba li l-Istat tal-operatur ma jkunx wettaq sorveljanza xierqa, l-Aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni għal valutazzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
- (c) L-Aġenzija għandha tipproċessa ulterjorment l-applikazzjoni u twettaq verifika meta:
- (1) l-operatur ta' pajjiż terz jaqbel li jiġi vverifikat;
  - (2) l-eżitu tal-valutazzjonijiet imsemmija f'(a) u (b) tindika li hemm possibbiltà li l-verifika jkollha riżultat pożittiv; u
  - (3) il-verifika tista' titwettaq fil-faċilitajiet ta' operatur ta' pajjiż terz mingħajr ir-riskju li tiġi kompromessa s-sigurtà tal-persunal tal-Aġenzija.
- (d) Il-verifika tal-operatur ta' pajjiż terz tista' tinkludi valutazzjoni tas-sorveljanza mwettqa mill-Istat tal-operatur meta jkun hemm evidenza ta' nuqqasijiet kbar fis-sorveljanza tal-applikant.
- (e) L-Aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-verifika.

#### **ART.210 Ħruġ ta' awtorizzazzjoni**

- (a) L-Aġenzija għandha toħroġ awtorizzazzjoni, inkluż l-ispeċifikazzjonijiet assoċjati, kif stabbiliti fl-Appendiċi I u II, meta:
- (1) tkun sodisfatta li l-operatur ta' pajjiż terz għandu AOC validu jew dokument ekwivalenti u speċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet assoċjati maħruġa mill-Istat tal-operatur;
  - (2) tkun sodisfatta li l-operatur ta' pajjiż terz huwa awtorizzat mill-Istat tal-operatur biex iwettaq operazzjonijiet fl-UE;
  - (3) tkun sodisfatta li l-operatur ta' pajjiż terz ikun stabbilixxa:
    - (i) konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-Parti-TCO;
    - (ii) komunikazzjoni trasparenti, xierqa u f'waqtha b'rispons għal valutazzjoni ulterjuri u/jew verifika tal-Aġenzija, jekk ikun applikabbli; u

- (iii) azzjoni korrettiva f'waqtha u b'suċċess sottomessa b'rispons għal nuqqas ta' konformità identifikata, jekk ikun hemm.
  - (4) ma jkun hemm l-ebda nuqqas kbir fil-kapaċità tal-Istat tal-operatur jew l-Istat tar-reġistrazzjoni, kif ikun applikabbli, biex jiċċertifika u jissorvelja l-operatur u/jew l-inġenji tal-ajru skont l-istandards tal-ICAO applikabbli; u
  - (5) l-applikant ma jkunx soġġett għal projbizzjoni ta' operar skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
- (b) L-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ:
- (1) għal servizz bl-ajru skedat jew programm ta' servizzi bl-ajru mhux skedati; għal perjodu mhux limitat;
  - (2) għal titjriet mhux skedati, għall-perjodu ta' massimu ta' 4 titjriet fi żmien 12-il xahar konsekuttiv.
- Il-privileġġi u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li l-operatur ta' pajjiż terz huwa awtorizzat li jwettaq għandhom jiġu speċifikati fl-ispeċifikazzjonijiet mehmuża mal-awtorizzazzjoni.
- (c) L-Aġenzija għandha tiftiehem mal-operatur ta' pajjiż terz, dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-bidliet fl-operatur ta' pajjiż terz li ma jkunux jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel.

#### **ART.215 Monitoraġġ**

- (a) L-Aġenzija għandha tivvaluta:
- (1) il-konformità kontinwata tal-operaturi ta' pajjiżi terzi li tkun awtorizzat bir-reqwiziti applikabbli tal-Parti-TCO;
  - (2) jekk ikun applikabbli, l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi b'mandat mill-Aġenzija skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (b) Din il-valutazzjoni għandha:
- (1) tqis id-dokumentazzjoni rilevanti dwar is-sigurtà u d-dejta pprovduti mill-operatur ta' pajjiż terz;
  - (2) tqis l-informazzjoni rilevanti dwar il-prestazzjoni tas-sigurtà tal-operatur ta' pajjiż terz, inkluż ir-rapporti tal-ispezzjoni tar-rampa, informazzjoni rrappurtata skont ARO.RAMP.145(c), standards tal-industrija rikonoxxuti, rekords tal-aċċidenti u miżuri ta' infurzar meħuda minn pajjiż terz;
  - (3) tqis l-informazzjoni rilevanti dwar il-kapaċitajiet ta' sorveljanza tal-Istat tal-operatur jew l-Istat tar-reġistrazzjoni, kif ikun applikabbli, inkluż l-eżitu tal-verifiki mwettqa skont il-konvenzjonijiet internazzjonali jew il-programmi ta' valutazzjoni tas-sigurtà tal-Istat;
  - (4) tqis id-deċiżjonijiet, l-investigazzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jew konsultazzjonijiet konġunti skont ir-Regolament (KE) Nru 473/2006.
  - (5) tqis il-valutazzjonijiet jew il-verifiki preċedenti, jekk jitwettqu; u
  - (6) tipprovdi lill-Aġenzija bl-evidenza meħtieġa f'każ li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri, inkluż il-miżuri mbassra minn ART.235.
- (c) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ iddefinit f'(a) jew (b) għandu jiġi stabbilit abbażi tar-riżultati ta' awtorizzazzjonijiet u/jew attivitajiet ta' monitoraġġ preċedenti.

- (d) Meta, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-prestazzjoni tas-sigurtà tal-operatur ta' pajjiż terz u/jew il-kapaċitajiet ta' sorveljanza tal-Istat tal-operatur huma suspettati li se jrin jonqsu, l-Aġenzija għandha twettaq valutazzjonijiet ulterjuri sal-punt meħtieġ biex jiġi stabbilit li l-operazzjoni maħsuba sejra titwettaq f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-Parti-TCO.
- (e) L-Aġenzija għandha tiġbor u tipproċessa kull informazzjoni dwar is-sigurtà meqjusa rilevanti għall-monitoraġġ.

#### **ART.220 Programm ta' monitoraġġ**

- (a) L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm programm ta' monitoraġġ li jkopri l-attivitajiet meħtieġa minn ART.215 u, fejn ikun applikabbli mis-Subparti ARO.RAMP.
- (b) Il-programm ta' monitoraġġ għandu jiġi żviluppat billi jqis ir-riżultati tal-attivitajiet ta' awtorizzazzjoni u/jew monitoraġġ preċedenti.
- (c) L-Aġenzija għandha twettaq reviżjoni tal-operaturi ta' pajjiżi terzi f'intervalli li ma jaqbx 1-24 xahar.  
L-intervall jista' jitnaqqas jekk ikun hemm indikazzjonijiet li l-prestazzjoni tas-sigurtà tal-operatur ta' pajjiż terz u/jew il-kapaċitajiet ta' sorveljanza tal-Istat tal-operatur ikunu naqsu.  
L-Aġenzija tista' testendi l-intervall sa massimu ta' 48 xahar jekk tkun stabbilixxiet li, matul il-perjodu ta' monitoraġġ preċedenti:
  - (1) ma jkunx hemm indikazzjonijiet li l-awtorità ta' sorveljanza tal-Istat tal-operatur tonqos milli twettaq sorveljanza effettiva tal-operaturi skont ir-responsabbiltà ta' sorveljanza tagħha;
  - (2) l-operatur ta' pajjiż terz ikun irrapporta kontinwament u fil-ħin il-bidliet imsemmija f'TCO.310;
  - (3) ma tkun inħarġet l-ebda sejba ta' livell 1; u
  - (4) l-azzjonijiet korrettivi kollha jkunu ġew implimentati fil-perjodu ta' żmien aċċettat jew estiż mill-Aġenzija kif iddefinit f'ART.230 (e)(1).
- (d) Il-programm ta' monitoraġġ għandu jinkludi r-rekords tad-dati tal-attivitajiet ta' monitoraġġ, inkluż il-laqgħat.

#### **ART.225 Bidliet**

- (a) Meta tirċievi applikazzjoni għal bidla li teħtieġ approvazzjoni minn qabel, l-Aġenzija għandha tapplika l-proċedura rilevanti kif deskritt f'ART.200, ristretta sal-punt tal-bidla.
- (b) L-Aġenzija għandha tippreskrivi l-kundizzjonijiet taħt liema jista' jaħdem l-operatur ta' pajjiż terz fil-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha matul il-bidla, sakemm l-Aġenzija ma tistabbilixxi li l-awtorizzazzjoni teħtieġ li tiġi sospiża.
- (c) Għal bidliet li ma jeħtieġux awtorizzazzjoni minn qabel, l-Aġenzija għandha tivvaluta l-informazzjoni mogħtija fin-notifika mibgħuta mill-operatur ta' pajjiż terz skont TCO.310 biex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-Aġenzija għandha:
  - (1) tinnotifika lill-operatur ta' pajjiż terz dwar in-nuqqas ta' konformità u titlob proposta riveduta biex tintlaħaq il-konformità; u

- (2) f'każ ta' sejbiet ta' livell 1 jew livell 2, taġixxi skont ART.230 u ART.235, kif ikun xieraq.

### **ART.230 Sejbiet u azzjonijiet korrettivi**

- (a) L-Aġenzija għandu jkollha sistema biex tanalizza s-sejbiet għas-sinifikat ta' sigurtà tagħhom.
- (b) Sejba tal-livell 1 għandha tinħareġ mill-Aġenzija meta tiġi skoperta nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u l-Parti-TCO, jew mat-termini tal-awtorizzazzjoni li tnaqqas is-sigurtà jew tpoġġi friskju serju s-sigurtà tat-titjira.

Is-sejbiet ta' livell 1 għandhom jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

- (1) nuqqas li l-Aġenzija tingħata aċċess għall-faċilitajiet tal-operatur terz kif iddefinit f'TCO.115(b) matul is-sigħat operattivi normali u wara talba bil-miktub;
  - (2) l-implimentazzjoni ta' bidliet li jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel mingħajr ma tkun inħarġet awtorizzazzjoni kif iddefinit f'ART.210;
  - (3) il-kisba jew iż-żamma tal-validità tal-awtorizzazzjoni b'falsifikazzjoni tal-evidenza ddokumentata;
  - (4) evidenza ta' Prattika ħażina jew użu qarrieqi tal-awtorizzazzjoni.
- (c) Sejba tal-livell 2 għandha tinħareġ mill-Aġenzija meta tiġi skoperta nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u l-Parti-TCO, jew mat-termini tal-awtorizzazzjoni li tista' tnaqqas is-sigurtà jew tpoġġi f'periklu serju s-sigurtà tat-titjira.
- (d) Meta tiġi skoperta sejba matul il-monitoraġġ, l-Aġenzija għandha, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni addizzjonali meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, tikkomunika s-sejba lill-operatur ta' pajjiż terz bil-miktub u titlob azzjoni korrettiva biex titneħħa jew titnaqqas il-kawża ewlenija sabiex tiġi evitata r-rikorrenza tan-nuqqasijiet ta' konformità identifikati.
- (e) Fil-każ ta' sejbiet ta' livell 2, l-Aġenzija għandha:
- (1) tagħti lill-operatur ta' pajjiż terz, perjodu ta' implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva xierqa għan-natura tas-sejba. Fi tmiem il-perjodu, u soġġett għan-natura tas-sejba, l-Aġenzija tista' testendi l-perjodu soġġett għal pjan ta' azzjoni korrettiva sodisfaċenti li taqbel miegħu l-Aġenzija; u
  - (2) tivvaluta l-azzjoni korrettiva u l-pjan ta' implimentazzjoni proposti minn operatur ta' pajjiż terz. Jekk il-valutazzjoni tikkonkludi li fiha analiżi tal-kawża/kawżi ewlenija/ewlenin u kors ta' azzjoni biex titneħħa jew titnaqqas effettivament il-kawża/kawżi ewlenija/ewlenin biex tiġi evitata r-rikorrenza tan-nuqqas ta' konformità/konformitajiet, taċċetta dawn.

Meta operatur ta' pajjiż terz jonqos milli jissottometti pjan ta' azzjoni korrettiva aċċettata, jew iwettaq azzjoni korrettiva fil-limiti tal-perjodu ta' żmien aċċettat jew estiż mill-Aġenzija, is-sejba għandha tiġi elevata għal sejba ta' livell 1 u azzjoni meħuda kif stabbilit f'ART.235 (a).

- (f) L-Aġenzija għandha tirreġistra u tinnotifika lill-Istat tal-operatur jew l-Istat tar-reġistrazzjoni, kif ikun applikabbli, dwar kull sejba li tkun qajmet.

### **ART.235 Limitazzjoni, sospensjoni u revoka tal-awtorizzazzjonijiet**

- (a) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura ta' infurzar addizzjonali, l-Aġenzija għandha tiegħu azzjoni biex tillimita jew tissospendi l-awtorizzazzjoni f'każ ta':
  - (1) sejba ta' livell 1;
  - (2) evidenza verifikabbli li l-Istat tal-operatur jew l-Istat tar-reġistrazzjoni, kif ikun applikabbli, ma jistax, jiċċertifika u jissorvelja l-operatur u/jew l-inġenji tal-ajru skont l-istandard tal-ICAO applikabbli; jew
  - (3) l-operatur ta' pajjiż terz li jkun soġġett għal miżura skont l-Artikolu 6(1)(2) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
- (b) Awtorizzazzjoni għandha tiġi sospiża sa perjodu massimu ta' 6 xhur. Fi tmiem il-perjodu ta' 6 xhur, l-Aġenzija tista' testendi l-perjodu ta' sospensjoni bi 3 xhur oħra.
- (c) Il-limitazzjoni jew is-sospensjoni għandha titneħħa meta l-Aġenzija tkun sodisfatta li tkun ittiegħdet azzjoni korrettiva ta' suċċess mill-operatur ta' pajjiż terz u/jew l-Istat tal-operatur.
- (d) Meta tkun qiegħda tikkunsidra li tneħħi sospensjoni, l-Aġenzija għandha twettaq verifika tal-operatur ta' pajjiż terzi meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet f'ART.205(c). F'każ li s-sospensjoni tkun minħabba nuqqasijiet fis-sorveljanza tal-applikant mill-Istat tal-operatur jew l-Istat tar-reġistrazzjoni, kif ikun applikabbli, il-verifika tista' tinkludi valutazzjoni bl-għan li jiġi vverifikat jew dawn in-nuqqasijiet fis-sorveljanza jkunux ġew korretti.
- (e) L-Aġenzija għandha tirrevoka l-awtorizzazzjoni meta:
  - (1) ikun skada l-perjodu msemmi f'(b); jew
  - (2) l-operatur ta' pajjiż terz ikun soġġett għal projbizzjoni ta' operar skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
- (f) Jekk wara limitazzjoni msemmija f'(a), tiġi imposta restrizzjoni operattiva fuq l-operatur ta' pajjiż terz skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, l-Aġenzija għandha żżomm din il-limitazzjoni sakemm tkun ġiet irtirata r-restrizzjoni operattiva.

## Appendiċi I

Logo tal-  
EASA

### AWTORIZZAZZJONI

<b>Tipi ta' operazzjonijiet:</b> Trasport kummerċjali bl-ajru (CAT)	
Awtorizzazzjoni # <sup>1</sup> :	Isem tal-Operatur: Isem Kummerċjali Db <sup>2</sup> : Stat tal-operatur <sup>3</sup> : numru tal-AOC jew ta' dokument ekwivalenti:
Din l-awtorizzazzjoni tagħti permess biex..... <sup>4</sup> jitwettqu operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru fi, fi ħdan, jew barra mit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat <sup>5</sup> skont il-kundizzjonijiet iddefiniti fl-ispeċifikazzjonijiet fl-aħħar verżjoni tagħhom kif ippubblikati elettronikament.	
Din l-awtorizzazzjoni tista' tintuża biex jiġu applikati permessi operattivi individwali <sup>6</sup> .	
Din l-awtorizzazzjoni hija valida: filwaqt li l-operatur awtorizzat jibqa' f'konformità mal-Parti-TCO jew sad-[data ta' skadenza] <sup>7</sup> :	
Soġġett għall-konformità mal-kundizzjoni preċedenti, din l-awtorizzazzjoni għandha tibqa' valida sakemm l-awtorizzazzjoni jew iċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru maħruġa mill-istat tal-operatur ikunu ġew ċeduti, sospiżi, revokati jew skadew.	
Data ta' ħruġ <sup>8</sup> :	Isem u Firma <sup>9</sup>  Titolu:

<sup>1</sup> Referenza għall-awtorizzazzjoni kif maħruġa mill-Aġenzija

<sup>2</sup> Isem kummerċjali tal-operatur, jekk ikun differenti. Daħħal "DBA" (għal "tagħmel negozju bħala") qabel l-isem kummerċjali.

<sup>3</sup> daħħal l-isem tal-Istat tal-Operatur

<sup>4</sup> Isem irreġistrat tal-operatur.

<sup>5</sup> Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-UE jinkludi l-Gżejjer Åland, l-Ażores, il-Gżejjer Kanarji, il-Gujana Franċiża, Guadeloupe, Ġibiltà, Madeira, il-Martiniq, Mayotte, Réunion, Saint-Barthélemy Saint-Martin u l-Istati assoċjati, pereżempju l-Isvizzera, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

<sup>6</sup> Għandhom jinkisbu permessi operattivi individwali jew dokumenti ekwivalenti relatati mad-"drittijiet tat-traffiku" fil-qafas tal-ftehimiet bejn l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi mill-Istati Membri tal-UE flimkien ma' awtorizzazzjoni minn qabel għad-data ta' bidu tal-operazzjoni maħsuba.

<sup>7</sup> Data wara li l-awtorizzazzjoni ma tibqax valida (dd-mm-yyyy)

<sup>8</sup> Data ta' ħruġ tal-Awtorizzazzjoni (dd-mm-yyyy)

<sup>9</sup> Titolu, isem u firma tar-rappreżentant tal-EASA



ETOPS <sup>11</sup> <input type="checkbox"/> N/A	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	Ħin ta' devjazzjoni massimu <sup>12</sup> : ____ minuti	
Speċifikazzjonijiet ta' navigazzjoni għall-operazzjonijiet PBN	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>		
Oħrajn <sup>13</sup>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>		

<sup>11</sup> Attwalment, operazzjonijiet fuq medda mifruxa (ETOPS) tapplika biss għal inġenji tal-ajru b'żewġ magni. Għaldaqstant il-kaxxa “Mhux applikabbli (N/A)” tista' tiġi mmarkata biss jekk il-mudell tal-inġenju tal-ajru jkollu aktar minn 2 magni.

<sup>12</sup> Id-distanza ta' limitu tista' tiġi elenkata wkoll (f'NM), kif ukoll it-tip ta' magna.

<sup>13</sup> Hawnhekk jistgħu jiddaħħlu awtorizzazzjonijiet jew dejta oħra, billi tintuża linja waħda (jew blokk b'ħafna linji) għal kull awtorizzazzjoni (eż awtorizzazzjoni għal avviċinament speċjali, MNPS, prestazzjoni ta' navigazzjoni approvata).